MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 398/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Limited.**

**vs**

**Seamalta Company Ltd u The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet

konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Ihallsu, jew minn minnhom, lill-istanti s-somma ta' erba mija u hdax-il lira u tmenin centezmi (LM411.80,0) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha l-attur kellu jiddenizza lill-assigurat tieghu fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin lira u tmenin centezmi (LM383.80,0) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi Peugeot li waslu Malta fuq il-vapur Fast Trader fis-26 ta' April 1999 ma liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' tmienja u ghoxrin Lira (LM28) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' LM411.80,0;

2. Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur;

3. Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socejta' Sea Malta Company Limited datata l-1 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, u fi kwalukwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheets rilevanti, kopji ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok A u B;

2. Illi fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

3. Illi fit-tielet lok it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata l-20 ta’ Gunju tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fl-avviz ta’ l-attur sehhew waqt illi l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta’ konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi. Minkejja l-allegazzjoni tas-socjeta’ attrici, jigi osservat illi s-socjeta’ konvenuta ftit ikollha access ghall-istess vetturi liema vetturi jinzammu mahzuna fil-Car Compound taht is-supervizjoni kontinwa ta’ l-Awtorita’ Marittima. Izjed minn hekk, il-post fejn jinzammu l-vetturi huwa sorveljat permezz ta’ close circuit camera, u dan taht is-supervizzjoni ta’ ufficjali tal-istess Awtorita’ Marittima. Dan minbarra l-fatt illi l-vetturi jigu misjuqa minn fuq il-vapur ghal gewwa l-Car Compound minn haddiema tax-xatt, liema haddiema ma jaqghux taht ir-responsabbilita’ tas-socjeta’ konvenuta. Ghaldaqstant, l-intervent tas-socjeta’ konvenuta u tar-rappresentanti taghha f’dan il-kaz huwa minimu u jillimita ruhu biss a rigward ta’ indikazzjoni fuq fejn ghandhom jigu stivati l-vetturi gewwa l-Car compound, u l-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni biex l-istess vetturi jigu kkonsenjati lis-socjeta’ importatrici;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta’ danni dedotti fl-avviz ta’ l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigu ppruvat kif l-attur wasal ghal dak l-ammont;

4. Illi fir-raba’ lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta’ konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta’ danni, u siccome din si tratta ta’ kawza ta’

danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata fis-sentenza finali;

5. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi f'April ta' l-1999 is-socjeta' Michael Attard Limited kienet importat kunsinna ta' tlieta u hamsin vettura tal-marka Peugeot u Renault permezz tal-vapur tas-Sea Malta bl-isem ta' "Fast Trader";

2. Illi fis-26 ta' l-imsemmi xahar dawn il-vetturi thattew f'Laboratory Wharf u gew fdati fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited;

3. Illi gew riskontrati diversi hsarat fuq l-imsemmija vetturi u wara l-ezamijiet necessarji s-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal dan u giet sussegwentement surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' importatrici, (ara fol 29);

Ikkonsidrat:

Illi mir-rizultanzi tal-kaz jidher li d-danni riskontrati sehhew prevolentement meta l-vetturi ikkoncernati kienu ghadhom fuq l-imsemmi vapur u ghalhekk fil-kustodja tas-socjeta' Sea Malta Company Limited;

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici, tiddikajra lis-socjeta' Sea Malta Company Limited unikament responsabbli ghad-danni in dizamina, tillikwida

d-danni fl-ammont komplessiv ta’ erba’ mija u hdax-il Lira Maltin u tmenin centezmu, (LM411.80,0), kif mitlub, u filwaqt li tillibera lis-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited tikkundanna lis-socjeta’ Sea Malta Company Limited biex thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta’ attrici, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.”

Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited appellat minn din is-sentenza bl-aggravju uniku illi hi ma setghetx tinzamm responsabbli hlief ghad-danni jew nuqqasijiet riskontrati fil-kors tal-vjagg, u cjoe mill-mument tal-karikazzjoni tal-vetturi fil-post tat-tluq sal-mument tal-izbark taghhom fil-port tad-destinazzjoni.

La s-socjeta’ assikuratrici attrici u lanqas is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma pprezentaw risposti ghall-appell interpost. Il-Qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina l-provi biex tara jekk dawn isostnux l-aggravju, anke ghaliex il-Qorti ma hi xejn konvinta mill-motivazzjoni li nduciet lill-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Huwa indiskuss illi l-vetturi importati fl-1999 sofrew hsarat. Dan jirrizulta evidenti mis-survey (fol 32) kondott minn Mark Micallef (fol 30) li ezamina l-vetturi u attribwixxa d-dannu ghal “pilferage” u “rough handling”. Jirrizulta wkoll minn notamenti ta’ John Falzon (fol 21), impjegat tas-socjeta` importatrici, li ssenjala n-nuqqasijiet u hsarat fid-dokument minnu esebit a fol 25 u replikat a fol 27.

Tajjeb li jigi hawn rilevat illi dawn ix-xhieda ghamlu l-accertamenti taghhom wara li ezaminaw il-vetturi fil-“car compound” tal-Laboratory Wharf, l-ghada li gew skarikati l-vetturi fis-26 ta’ April 1999 minn fuq il-vapur.

Ir-ricerka tal-htija ghal dawn il-hsarat/nuqqasijiet trid tittiehed minn provi ohra, kemm orali kif ukoll dokumentali.

Jirrizulta mill-poloz tal-kariku (fol 9 u 10) li l-vetturi, ossija “unpacked Peugeot vehicles”, tghabbew “clean on board”. Li jfisser li l-karozzi tghabbew f’kundizzjoni tajba u allura hu mistenni li dawn jigu skarikati fl-istess kundizzjoni tajba

(“**Wilfred Mamo et noe –vs- Paul Mifsud et noe**”, Appell Kummercjali, 5 ta’ Gunju 1987).

It-trasport bil-bahar tal-kariku hu biss parti mill-katina tal-vjagg tieghu billi sakemm jasal ghand l-importatur jew ricevitur l-merce tghaddi f’idejn il-kuntrattur portwali ossija l-Cargo Handling u minn hawn, fejn hekk inhu l-kaz, tivvjagga permezz ta’ trukkijiet jew mezz iehor ta’ trasport sakemm finalment tasal fid-destinazzjoni taghha.

Fil-kaz taz-zewg konvenuti mharrka jidhlu normalment zewg dokumenti importanti in xena; jigifieri t-“Tally sheet” li tirregistra l-kariku, u l-istat tieghu, meta dan ikun qed jinhatt, u l-“Gate Pass Out” li jirrekordja l-kondizzjoni tal-istess kariku fil-mument tar-rilaxx minghand il-Cargo Handling lill-importatur jew lir-rapprezentant tieghu.

Kif rilevat bostra drabi “*dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza, li ghandhom l-opportunita`, f’waqtha, ‘a tempo vergine’, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta’ l-istat ta’ fatt*” – “**Michael Gatt noe –vs- L-Avukat Philip Sciberras nomine**”, Appell Kummercjali, 20 ta’ April 1995.

Hu daqstant iehor pacifiku illi “*dawn id-dokumenti kienu jikkostitwixxu prova li joholqu presunzjoni ‘juris tantum’ tal-korrettezza tal-kontenut taghhom*” - “**Noel Ellul nomine –vs- James Gollcher et noe et**”, Appell, 12 ta’ April 1999.

Intqal a propozitu fid-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Gerada nomine –vs- Godwin Abela et nomine**”, Appell, 19 ta’ Gunju 2001, illi “*fil-fatt bilkemm ghandu ghalfejn kull darba jigi mtenni li proprjament il-procedura tat-“tallying”, u aktar u aktar dik tal-“joint tallying” fil-mument tal-hatt, flimkien mal-procedura l-ohra tal-“Gate Pass Out” fil-mument tar-rilaxx, ghandhom l-iskop importanti li jiccertifikaw ‘a tempo debito’ l-istat tal-merkanzija meta tkun qeghda fl-istadju tat-trasport, hatt u konsenja minn parti ghall-ohra involuti fil-garr taghha*”.

Stabbiliti dawn il-principji regolatrici li jghoddu ghall-kaz, minn ezami, jew ahjar, minn raffront bejn it-“tally sheet” prezentata mill-vapur (fol 7) u dik intavolata mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited (fol 48) ghandu jkun bil-wisq ovvju illi fil-mument tal-iskarikar tal-vetturi z-zewg konvenuti citati rregistraw similment l-istess xorta ta’ hsarat fid-dokumenti rispettivi taghhom li del resto kien wiehed demostranti “joint tallying”. Ara xhieda ta’ Chris Gravina (fol 44).

Hekk fiz-zewg “tally sheets” gew annotati dawn il-hsarat:-

Chassis No 40268629 - “wiper blade missing; left hand side door front dented”

Chassis Nos 40279027, 40279508 u 40281527 – “oil on bonnet” u fil-kaz ukoll tal-ewwel imsemmija vettura “oil on roof”.

Invece kemm skond il-“Gate Pass Out” (fol 23 u 24, re-esebiti a fol 49), kif ukoll skond is-survey u l-annotamenti ta’ John Falzon (fol 25 u 26) gew riskontrati aktar hsarat jew nuqqasijiet. Dan fil-mument tar-rilaxx tal-vetturi lill-importatur.

Jidher ben ovvju illi ghall-ewwel Qorti sfugga ghal kollox dan il-kumment ta’ Peter Bonello (fol 46) rapprezentant tal-Cargo Handling:- “*Ninforma lill-Qorti li l-hsarat li hemm fit-tally sheet u fil-Gate Pass Out ma jaqblux*”.

Din l-istqarrija kellha certament tinduci lill-ewwel Qorti tirrifletti aktar fuq is-sinifikat taghha, b’mod li taghmel id-distinzjoni u b’hekk tiddetermina l-htija jew sa fejn din kellha tkun limitata fil-kaz tal-vapur, u kif sorretta mill-“joint tally sheets”.

Issa mid-dokument esebit mis-surveyor Mark Micallef a fol 33 ma jinghad xejn dwar spiza konnessa mat-ticpis taz-zejt fuq il-bonnet. Pero’ kwantu ghan-nuqqas tal-wiper blade u ta’ dent wahda fuq il-bieba tal-vettura bic-chassis Nru 40268629 jekk jigu applikati ghalihom l-istejjem kif fl-imsemmi dokument mahsuba, wiehed jasal ghar-rizultat

illi l-hsara li ghaliha ghandha twiegeb is-socjeta` konvenuta appellanti jittotalizza hamsa u tmenin lira Maltija u hmistax il-centezmu (Lm85.15,0).

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mis-socjeta` Sea Malta Company Limited qed jigi milqugh. Dan limitatament u fis-sens biss illi l-ammont tad-dannu li qed tigi ikkundannata tirrizarcixxi lis-socjeta` assikuratrici attrici ghandu jkun ta’ hamsa u tmenin lira Maltija u hmistax il-centezmu (Lm85.15,0).

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mis-socjeta` konvenuta appellanti u r-rimanenti tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------